# ĠWANNI PAWLU II

*18.V.1920 – 2.IV.2005*

**DAVID VASSALLO jfakkar il-mewt tal-Papa Ġwanni Pawlu II, u l-imħabba speċjali tiegħu lejn il-Madonna bit-traduzzjoni ta' żewġ diskorsi dwar Marija Assunta li għamel nhar il-15 ta' Awissu tas-snin 2002 u 2003.**



*Stained glass bi xbieha tal-Papa Ġwanni Pawlu II fil-Monasterju Jasna Gora fil-belt ta' Czestochowa, Polonja*



*Ġwanni Pawlu II jpoġġi stellarju madwar ras il-Madonna ta' Pinu, nhar is-26 ta' Mejju 1990*

Is-Sibt 2 ta' April 2005. Id-dinja kollha kien ilha jumejn sħaħ quddiem it-televiżjoni, tara, tisma' u tistenna aħbarijiet dwar saħħet il-Papa Ġwanni Pawlu II. Fi Pjazza San Pietru, eluf ta' nies kienu jħarsu lejn it-tieqa tiegħu, donnhom jistennewh jerġa' jfeġġ bħalma għamel tant drabi, anke meta saħħtu kienet qed tnin. Mijiet ta' żgħażagħ ikantaw u jitolbu flimkien.

Fid-9.37pm, Ġwanni Pawlu II temm il-ħajja tiegħu fuq din l-art. Ftit tal-minuti wara, l-Arċisqof Leonardo Sandri ta l-aħbar lill-miġemgħa u lid-dinja. Il-Papa miet.

L-aħbar xterdet bħal leħħa ta' berqa. L-istazzjonijiet tat-televiżjoni minn madwar id-dinja kollha waqqfu l-programmi tagħhom u ngħaqdu mal-Vatikan biex iwasslu dawk il-mumenti ta' niket. Miet il-Papa. Miet il-Papa ta' kulħadd. Miet il-Papa "l-Kbir". Fil-ġranet ta' wara komplejna nsegwu r-riti tal-funeral li taw xhieda tar-rispett kbir li dan il-Papa kellu mid-dinja kollha. Imbagħad segwew il-konklavi u l-ħatra tal-Papa l-ġdid.

Il-Parroċċa tagħna fakkret dawn l-avvenimenti b'mod xieraq. Is-Sibt 2 ta' April stess, filgħaxija, indaqqet trapassjoni li ħabbret il-mewt tal-Papa. L-għada l-Ħadd, min-11.45am 'il quddiem saret espożizzjoni ta' Ġesù Sagramentat fejn sar talb għall-Papa. Dakinhar stess u l-għada t-Tnejn, bejn is-7.00pm u s-7.30pm ndaqqet trapassjoni kif mitlub mill-Kurja Arċiveskovili. Id-dinja waqfet fit-8 ta' April biex issegwi l-funeral tal-Papa li tant ħabb id-dinja. Il-qniepen tal-parroċċa tagħna, bid-daqq kiebi tagħhom, sellmu lil Ġwanni Pawlu II fl-aħħar vjaġġ tiegħu lejn is-sema pajjiżna.

Nhar il-Ħadd 17 ta' April, il-quddiesa tad-9.30am, bis-sehem tal-kor parrokkjali, kienet b'suffraġju għall-Papa Ġwanni Pawlu II. Numru kbir ta' tfal attendew u ppreżentaw fjura jew xemgħa quddiem xbieha ta' l-istess Papa. Fil-quddies kollu ta' tmiem il-ġimgħa, il-komunità parrokkjali kienet mistiedna tingħaqad f'talb għal ruħ Ġwanni Pawlu II u f'radd il-ħajr għal dak li għamel għal Malta u l-poplu ta' dawn il-gżejjer. Inqara wkoll *feature* dwaru fejn instema jwassal parti

mill-messaġġ li kien ta' lilna l-Maltin waqt l-aħħar żjara tiegħu f'pajjiżna f'Mejju 2001. Għal din l-okkażjoni, fuq l-altar maġġur intrama ritratt kbir ħafna tal-Papa li kompla għen lil dawk preżenti jiftakru fil-memorja tiegħu.

It-Tnejn 18 ta' April beda l-konklavi għall-għażla tal-Papa l-ġdid. F'nofsinhar, il-qniepen tal-parroċċa tagħna ngħaqdu ma' dawk tal-knejjes kollha ta' Malta f'daqq ta' mota. Fl-4.30pm bdiet adorazzjoni privata fejn kulħadd kien mistieden jitlob lill-Ispirtu s-Santu idawwal lill-Kardinali fl-għażla tal-Papa. L-adorazzjoni damet sas-7.00pm meta bdiet quddiesa votiva għall-għażla tal-Papa li fiha ntqalet it-talba tal-*Veni Creator*.

L-għada, it-Tlieta 19 ta' April, għall-ħabta tas-6.00 p.m., il-qniepen tagħna ingħaqdu f'mota ta' ferħ li dwiet mad-dinja kollha għall-aħbar ferm mistennija tal-ħatra tal-Papa Benedittu XVI bħala l-Vigarju ta' Kristu, suċċessur ta' Pietru. Fl-24 ta' April, jum l-insedjament ta' Benedittu XVI fuq it-tron ta' Pietru, ġab miegħu ferħ kbir espress ukoll b'daqq ta' moti ferrieħa.



*Ir-ritratt kbir li ntrama fuq l-altar maġġur tal-knisja parrokkjali bejn is-Sibt 16 u l-Ħadd 17 ta' April, 2005*

Nhar il-Ġimgħa 6 ta' Mejju, il-quddiesa ta' filgħaxija kienet waħda ta' radd il-ħajr lil Alla għall-ħatra tal-Papa Benedittu XVI waqt li sar talb għalih fil-bidu tal-missjoni tiegħu bħala ragħaj tal-Knisja.

the SOUND system

The Sound System Co. Ltd.
Triq il-Karozzin, Msida
Tel: 21 255 500/21 255 079 • Fax: 21 238 834
http://www.soundsystem.com.mt
E-mail: info@soundsystem.com.mt

***Hire, Supply & Installation of top quality sound & visual equipment***

*We stock a vast range of loudspeakers, amplifiers, mixers & control electronics plus Hantarex video monitors & the new Plasma Display Panel (Flat Screen) for bars, restaurants, hotels, schools, conference halls, churches ... anywhere ...*

**We also hire for any event large & small**

## DISKORS TAL-PAPA ĠWANNI PAWLU II WAQT L-ANGELUS NHAR IL-15 TA' AWISSU 2002

Is-Solennita' tat-Tlugħ ta' Marija fis-Sema bir-ruħ u l-ġisem, iċċelebrata f'nofs l-istaġun sajfi, tfakkarna fid-dar vera u aħħarija tagħna: is-Sema. Kif tgħid l-Ittra lil-Lhud: "Aħna hawnhekk ma għandniex belt li tibqa' għal dejjem, iżda qegħdin infittxu dik li għad trid tiġi" (13, 14). Fil-misteru li qed nikkontemplaw illum insibu rrivelat id-destin ta' kull kreatura umana: ir-rebħa fuq il-mewt biex tgħix għal dejjem ma' Alla. Marija hija l-mara perfetta li fiha twettaq il-pjan divin, bħala garanzija għall-qawmien tagħna. Hija l-ewwel frott tal-Ħniena Divina għax kienet hi l-ewwel li ħadet sehem mill-patt divin issiġillat u mwettaq fi Kristu li miet u qam għalina.

"Hienja dik li emmnet li jseħħ kull ma bagħat jgħidilha l-Mulej" (Luqa 1, 45). Dawn il-kelmiet jiddeskrivu tajjeb ħafna lil Marija, il-Verġni li qalet iva, li bid-dispożizzjoni sħiħa tagħha fetħet il-bibien lis-Salvatur tad-dinja. Kbira u erojka kienet l-ubbidjenza tal-fidi tagħha; kien permezz ta' din il-fidi li Marija kienet magħquda b'mod perfett ma' Kristu, fil-mewt u fil-glorja. Meta nħarsu lejha nissaħħu fil-fidi f'dak li qed nistennew, u fl-istess ħin, nifhmu aħjar it-tifsira u l-valur tal-pellegrinaġġ tagħna fuq din l-art.

O Marija, Omm ta' tama, imsaħħin bl-għajnuna tiegħek ma nibżgħux mit-tfixkil u d-diffikultajiet; l-għejja u t-tbatija ma jaqtgħulniex qalbna, għax int takkumpanjana fit-triq ta' ħajjitna u mis-sema tħares fuq uliedek kollha u timliehom bil-grazzja. F'idejk nafdaw id-destin tal-popli u l-missjoni tal-Knisja. Illum, b'mod speċjali, irrid nafdalek iż-żjara pastorali tiegħi fil-Polonja li, bil-għajnuna t'Alla, se nibda għada.

Għeżież ħuti, nitlobkom takkumpanjawni bit-talb tagħkom.

## DISKORS TAL-PAPA ĠWANNI PAWLU II WAQT L-ANGELUS NHAR IL-15 TA' AWISSU 2003

F'nofs ix-xahar ta' Awissu, żmien ta' mistrieħ u vaganzi tas-sajf għal ħafna, il-liturġija tiċċelebra b'solennità t-Tlugħ tal-Verġni Marija fis-Sema. Din hija ġurnata ta' tama u dawl għax il-bnedmin kollha, pellegrini fuq din l-art, f'Marija jistgħu jaraw minn qabel id-"destin ta' glorja" li hemm jistenniehom.

F'dan il-jum nikkontemplaw il-Qaddejja tal-Mulej fis-Sema, imdawla b'dija tal-għaġeb, fejn hi marret qabilna bil-ġisem tagħha gglorifikat. Aħna nħarsu lejha bħala sinjal ta' tama żgura. Tabilħaqq, f'Marija hija mwettqa l-wegħda t'Alla lill-umli u t-twajbin: il-ħazen u l-mewt ma jkollhomx l-aħħar kelma.

Għeżież ħuti, ikunu kemm ikunu suwed id-dellijiet li kultant jinġabru fuq ix-xefaq u jkunu kemm ikunu inkomprensibbli ċerti ġrajjiet fl-istorja ta' l-umanità, m'għandna qatt nitilfu l-fiduċja u l-paċi. Il-festa ta' llum tistedinna nafdaw lilna nfusna f'Marija Mtellgħa s-Sema li, bħal kewkba tiddi mis-Sema, tidderieġi l-mixja tagħna ta' kuljum fuq din l-art.

Tassew li l-Verġni Marija, li daħlet f'Ġerusalemm tas-Sema, "tkompli l-ħidma tagħha bħala l-avukat u ministru tas-salvazzjoni tagħna ħdejn is-Sultan tal-Glorja" (mill-prefazju, Quddiesa tal-Madonna tal-Ħniena). Marija tgħinna nifhmu li huwa biss f'Binha Divin li nistgħu nsibu s-sens sħiħ u l-valur ta' ħajjitna. B'dan il-mod tikber fina "t-tama għall-għan eskatoloġiku" li lejh ninsabu "mexjin bħala membri tal-Poplu pellegrin ta' Alla fl-istorja" (mill-Ittra Appostolika *Rosarium Virginis Mariae*, n. 23).

Verġni Omm Kristu, ibqa' ħares il-Knisja! J'Alla jum wieħed aħna wkoll inkunu nistgħu nieħdu sehem mill-istess glorja tiegħek fil-Ġenna, fejn "illum ġejt imgħollija fuq il-qtajja' ta' l-Anġli, u tibqa' għal dejjem rebbieħa ma' Kristu" (Antifona tad-Dħul tal-Quddiesa tal-Vġili ta' Marija Assunta).

Ikun imfaħħar Ġesu' Kristu!